L-UNIVERSITÀ TA' MALTA
IL-FAKULTÀ TAL-ARTI
ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI
ĊERTIFIKAT FIL-QARI TAL-PROVI BIL-MALTI

| MAL 1048 L-Għodod Elettroniċi għall-Qari tal-Provi (2 kretti) |
|---|

Eżami Jannar 2014
L-Ewwel Silta
Ħin: Siegħa u nofs (iż-żewġ siltiet)

**<u>NOTA</u>:**
**F'dan l-eżami l-istudenti ma jistgħux jużaw għodod elettroniċi oħra barra minn dawk speċifikati fil-karta.**

Għall-kitba t'hawn isfel:

1. Applika l-*Language setting* xierqa għad-dokument kollu, u daħħal l-alfabett Malti, inklużi vokali aċċentati fejn hemm bżonn.
2. Biddel l-apostrofi u l-virgoletti biex jidhru tal-ftuħ u tal-għeluq.
3. Uża t-*track changes* u kkoreġi l-ortografija. Fil-każ ta' korrezzjonijiet skont ir-regoli l-ġodda rreferi għad-dokument *Deċiżjonijiet 1* permezz ta' kumment qasir (tispjegax il-grammatika). Tista' tuża l-verżjoni stampata ta' din is-silta biex tagħmel il-korrezzjonijiet manwalment, IŻDA FL-AĦĦAR TRID TINKLUDIHOM FIL-VERŻJONI ELETTRONIKA – DIN BISS HIJA VALIDA GĦALL-EŻAMI.
4. Fl-aħħar tal-korrezzjoni ħalli t-*track changes* u l-kummenti jidhru.

Il-Furja

Ftit xhur qabel, hekk kif il-missier irċieva l-uniformi l-ġdida li kienet tfisser li kulħadd kellu jsejjaħlu "Kmandant" u eżatt qabel Bruno wasal id-dar biex isib lil Marija tippakkja ħwejġu, il-missier ġie d-dar darba filgħaxija fi stat ta' eċċitament kbir, li kienet ħaġa mhux tas-soltu għalih, u daħal fis-sala fejn l-omm, Bruno u Gretel kienu bilqiegħda jaqraw il-kotba.

"Il-Ħamis filgħaxija," ħabbar. "Jekk għandna xi pjanijiet għall-Ħamis filgħaxija jkollna nħassruhom."

"Inti tista' tbiddel il-pjanijiet tiegħek kemm trid," qalet l-omm, "iżda jien għamilt arranġamenti oħra biex immur it-teatru ma'..."

"Il-Furja għandu xi ħaġa x'jiddiskuti miegħi," qal il-missier li kien jista' jinterrompi lil martu anke jekk ħaddieħor ma setax. "Għadni kemm irċevejt telefonata llejla. L-unika ġurnata li nistgħu niltaqgħu hija l-Ħamis filgħaxija u stieden lilu nnifsu għall-ikel."

Għajnejn martu tberrqu u ħalqha għamel il-forma ta' O. Bruno skanta jħares lejha u beda jaħseb jekk hu kienx jidher bl-istess mod meta kien ikun sorpriż dwar xi ħaġa.

"Qed titkellem bis-serjetà?" qalet l-omm hekk kif sfaret. "Ġej hawn? F'darna?"

Il-missier qal iva b'rasu. "Fis-sebgħa," qal. "Għalhekk jaqbel naħsbu għal xi ħaġa speċjali għall-ikel."

"X'waħdadin!" qalet l-omm hi u taqleb għajnejha hekk kif bdiet taħseb dwar dak kollu li kellu jsir.

"Min hu l-Furja?" staqsa Bruno.

"Qed tgħidha ħażin," qallu missieru li wrieh kif għandu jgħidha sewwa.

"Il-Furja," reġa' qal Bruno, hu u jipprova jgħidha sewwa iżda ma setax.

"Le," qallu missieru, "il-... Ma jimpurtax!"

"Iżda min huwa?" reġa' staqsa Bruno.

Il-missier ħares lejh skantat. "Taf sewwa min hu l-Furja," qallu.

"Le, ma nafx," qal Bruno.

**Comment [NCB1]:** Skont *Deċiżjonijiet 1.*
**Deleted:** ħwejjġu
**Deleted:** fil-għaxija
**Deleted:** eċitament
**Comment [NCB2]:** Skont *Deċiżjonijiet 1.*
**Deleted:** bil-qiegħda
**Deleted:** fil-għaxija
**Deleted:** fil-għaxija
**Deleted:** tejatru
**Comment [NCB3]:** Skont *Deċiżjonijiet 1.*
**Deleted:** xiħaġa
**Deleted:** fil-għaxija
**Deleted:** xiħaġa
**Deleted:** xiħaġa
**Deleted:** urieh
**Deleted:** minn

“Huwa jmexxi l-pajjiż, idjota,” qalet Gretel biex timpressjona kif iħobbu jagħmlu l-aħwa bniet. (Kienu affarijiet bħal dawn li kienu jagħmluha Każ Iddisprat.) “Mela inti qatt ma taqra l-gazzetti?”

“Jekk jogħġbok, lil ħuk issejjaħlux idjota,” qalet l-omm.

“Nista’ nsejjaħlu stupidu?”

“Le, xejn.”

Gretel reġgħet poġġiet bilqiegħda, iddiżappuntata, iżda ħarġet ilsienha barra lejn Bruno xorta waħda.

“Ġej waħdu?” staqsiet l-omm.

“Insejt nistaqsi,” qal il-missier. “Iżda naħseb li jġib *lilha* miegħu.”

“Ajma ħej,” reġgħet qalet l-omm, hekk kif qamet u bdiet tgħodd f’rasha n-numru ta’ affarijiet li kellha torganizza qabel il-Ħamis, li kien biss żewġ iljieli ’l bogħod. Id-dar ikollha titnaddaf minn fuq s’isfel, it-twieqi jinħaslu, il-mejda tal-kamra tal-ikel tinżebagħ u tingħata l-verniċ, l-ikel jiġi ordnat, l-uniformijiet tas-seftura u tal-maġġordom jinħaslu u jitgħaddew, u r-reċipjenti taċ-ċaqquf u t-tazzi jllostrati sakemm ileqqu.

B’xi mod jew ieħor, minkejja l-fatt illi l-lista donnha kompliet tikber il-ħin kollu, l-omm irnexxielha tlesti kollox fil-ħin, għalkemm ikkummentat kemm-il darba li dik l-okkażjoni tkun ta’ suċċess ikbar jekk ċerti nies jgħinu xi ftit iżjed fid-dar.

Xi siegħa qabel ma kellu jasal il-Furja, Gretel u Bruno ġew imsejħa isfel fejn irċevew stedina rari fl-uffiċċju ta’ missierhom. Gretel kienet liebsa libsa bajda u kalzetti sa rkopptejha u xagħarha kien ġie mibrum f’nokkli. Bruno kien liebes qalziet qasir kannella skur, qmis bajda u ngravata kannella skur. Kellu żarbun ġdid għall-okkażjoni u kien kburi ħafna bih, anke jekk kien xi ftit żgħir għalih u kien qed jweġġagħlu subgħajh u jagħmilha diffiċli għalih biex jimxi. Dawn il-preparazzjonijiet kollha u l-ħwejjeġ sbieħ xorta waħda dehru xi ftit estravaganti għax Bruno u Gretel ma kinux mistiedna għall-ikel; kienu diġà kielu siegħa qabel.

“Issa, tfal,” qalilhom missierhom bilqiegħda wara l-iskrivanija hu u jħares mit-tifel għat-tifla u lura hekk kif kienu weqfin quddiemu. “Tafu, hux hekk, li quddiemna għandna okkażjoni speċjali ħafna għalina?”

Qalu iva b’rashom.

“U li hija importanti ħafna għall-karriera tiegħi li llejla kollox imur tajjeb?”

Reġgħu qalu iva b’rashom.

“Għalhekk hemm numru ta’ regoli fundamentali li għandna bżonn nitkellmu fuqhom qabel nibdew.” Il-missier kien jemmen ħafna fir-regoli fundamentali. Kull meta kien hemm xi okkażjoni speċjali jew importanti fid-dar, kien dejjem joħloq ftit oħra.

“L-ewwel regola,” qal il-missier. “Meta jasal il-Furja tkunu bilwieqfa fl-intrata bil-kwiet u tkunu lesti biex issellmulu. Ma titkellmux sakemm ikellem lilkom imbagħad twieġbu b’leħen ċar u tgħidu kull kelma b’mod preċiż. Qed tifhmu?”

“Iva, pa,” gedwed Bruno.

“Dak hu l-mod li ma rridx,” qal il-missier meta rrefera għat-tgedwid. “Iftaħ ħalqek sew u tkellem bħal adult. L-aħħar ħaġa li għandna bżonn hija li xi ħadd minnkom jibda jġib ruħu bħat-tfal żgħar. Jekk il-Furja ma jagħtix kaskom m’għandkom tgħidu xejn, iżda ħarsu dritt quddiemkom u wruh ir-rispett u l-korteżija li ħaqqu bniedem hekk kbir.”

“Naturalment, pa,” qalet Gretel b’vuċi ċara ħafna.

“U meta ommkom u jiena nkunu għall-ikel mal-Furja intom it-tnejn tibqgħu kwieti f’kamartkom. Ma rridx ġiri ’l hemm u ’l hawn, żerżiq mal-balavostri” – u hawn huwa ħares apposta lejn Bruno – “u xejn u ħadd ma jfixkilna. Qed tifhmu? Ma rrid lill-ebda wieħed jew waħda minnkom jagħmlu xi ħmerija.”

Bruno u Gretel qalu iva b’rashom u l-missier qam biex jindika li l-laqgħa magħhom kienet spiċċat.

Silta minn *It-tifel bil-Piġama Rrigata* ta’ John Boyne, maqlub għall-Malti minn Tony C. Cutajar, Klabb Kotba Maltin, 2008.

**Deleted:** pajjis
**Deleted:** bil-qiegħda
**Deleted:** tinżebah
**Deleted:** verniġ
**Deleted:** lostrati
**Deleted:** kemm il-darba
**Deleted:** imsejjħa
**Comment [NCB4]:** Skont *Deċiżjonijiet 1*.
**Deleted:** rkobbtejha
**Deleted:** iweġġalu
**Deleted:** bil-qiegħda
**Deleted:** u hu
**Deleted:** mportanti
**Deleted:** isselmulu
**Deleted:** preċis
**Deleted:** gedwet
**Deleted:** tgedwit
**Deleted:** minkom